

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/769

tal-10 ta' Ġunju 2020

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-emendar tal-Ftehim

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 50(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ⁽¹⁾ ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 ⁽²⁾ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.
- (2) Il-punt (d) tal-Artikolu 164(5) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jagħti s-setgħa lill-Kumitat Konġunt li jadotta deċiżjonijiet li jemendaw lil dak il-Ftehim, dment li tali emendi jkunu meħtieġa biex jikkoreġu żbalji, biex jindirizzaw l-ommissjonijiet jew nuqqasijiet oħrajn, jew biex jindirizzaw sitwazzjonijiet li ma kinux previsti meta ġie ffirmat il-Ftehim, u dment li tali deċiżjonijiet ma jemendawx l-elementi essenzjali ta' dak il-Ftehim. Skont l-Artikolu 166(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt huma vinkolanti għall-Unjoni u għar-Renju Unit. L-Unjoni u r-Renju Unit iridu jimplimentaw it-tali deċiżjonijiet, li jkollhom l-istess effett legali tal-Ftehim dwar il-Ħruġ. Skont l-Artikolu 182 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jiffirma parti integrali minn dak il-Ftehim.
- (3) Ċerti dati msemmija fil-Ftehim dwar il-Ħruġ kienu laħqu għaddew fil-mument li daħal fis-seħħ. Għaldaqstant jenħtieġ li daww id-dati jiġu emendati u jenħtieġ li jsiru flimkien aġġustamenti korrispondenti, fl-interess ta' ċertezza legali.
- (4) L-Artikolu 145 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ ma fihx dispożizzjonijiet li jirregolaw l-għotjiet taħt il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar li ngħataw lill-benefiċjarji tar-Renju Unit qabel tmien il-perijodu ta' tranżizzjoni. Għaldaqstant jenħtieġ li l-Artikolu 145 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jiġi ssupplementat f'dan ir-rigward, biex jipprovdi ċertezza legali fir-rigward tal-għotjiet li għadhom għaddejnin.
- (5) Bi żvista, żewġ deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali ma ġewx imniżżla fil-Parti I tal-Anness I tal-Ftehim dwar il-Ħruġ u tmien atti li huma essenzjali għall-applikazzjoni tar-regoli tas-suq intern għall-merkanzija għall-Irlanda ta' Fuq ma ġewx imniżżla fl-Anness 2 għall-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq. Daww id-deċiżjonijiet u l-atti għaldaqstant jenħtieġ li jiżdiedu ma' daww l-annessi. Barra minn hekk, huma meħtieġa wkoll tliet noti biex jiddefinixxu ulterjorment il-kamp ta' applikazzjoni ta' ċerti atti speċifiċi mniżżla fl-Anness 2 għall-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq. Għaldaqstant jenħtieġ li dawn in-noti jiżdiedu mal-Anness 2 għall-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.
- (6) Jenħtieġ li l-Kumitat Konġunt jadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 164(5)(d) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ biex jiġu indirizzati dawn l-ommissjonijiet u nuqqasijiet.
- (7) Għaldaqstant, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt,

⁽¹⁾ ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 1).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-Ħruġ fir-rigward tal-emendar tal-Ftehim dwar il-Ħruġ f'konformità mal-Artikolu 164(5)(d) tiegħu għandha tkun li l-Ftehim dwar il-Ħruġ jiġi emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 135, fit-titolu, il-kliem “baġits tal-Unjoni għas-snin 2019 u 2020” għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem “baġit tal-Unjoni għas-sena 2020”, u fil-paragrafu 1, il-kliem “snin 2019 u” għandhom jiġu sostitwiti bil-kelma “sena” u l-kelma “baġit” għandha tiġi sostitwita bil-kelma “baġit”;
- (2) Fl-Artikolu 137, fit-titlu u fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, il-kliem “fl-2019 u” għandhom jitħassru;
- (3) L-Artikolu 143(1) għandu jiġi emendat kif ġej:
 - (a) fit-tieni subparagrafu “31 ta' Lulju 2019” għandha tiġi sostitwita b’“31 ta' Lulju 2020”;
 - (b) it-tielet subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“Fil-kontijiet konsolidati tal-Unjoni relatati mas-sena 2020, il-pagamenti li jsiru mid-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punt (b) tat-tieni subparagrafu mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim sal-31 ta' Diċembru 2020 għandhom jiġu divulgati għall-istess operazzjonijiet finanzjarji kif imsemmija f'dan il-paragrafu iżda li dwarhom tittieħed deċiżjoni fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim jew wara din.”;

- (4) Fl-Artikolu 144(1), fit-tieni subparagrafu, “31 ta' Lulju 2019” għandha tiġi sostitwita b’“31 ta' Lulju 2020”;
- (5) Fl-Artikolu 145, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

“Fir-rigward tal-proġetti taħt il-Fond ta' Riċerka dwar il-Faħam u l-Azzar stabbilit mill-Protokoll 37 għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea taħt ftehimiet ta' għotja ffirmati qabel it-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, għandu jkompli japplika d-dritt tal-Unjoni applikabbli fir-Renju Unit u għalih wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, sa ma jingħalqu l-proġetti. Id-dritt applikabbli tal-Unjoni għandu jinkludi b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet li ġejjin, u kwalunkwe emenda lil dawk id-dispożizzjonijiet, irrISPettivament mid-data tal-adozzjoni, tad-dħul fis-seħħ jew tal-applikazzjoni tal-emenda:

- (a) id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2003/76/KE ⁽³⁾, 2003/77/KE ⁽⁴⁾ u 2008/376/KE ⁽⁵⁾;
- (b) l-atti msemmija fil-punt (a), (c), (d) u (e) tal-Artikolu 138(2).”;
- (6) L-Artikolu 150 għandu jiġi emendat kif ġej:
 - (a) il-paragrafu 4 għandu jiġi emendat kif ġej:
 - (i) fir-raba' sentenza, “15 ta' Diċembru” għandha tiġi sostitwita bi “15 ta' Ottubru” u “2019” għandha tiġi sostitwita b’“2020”;
 - (ii) fil-ħames sentenza, “15 ta' Diċembru 2030” għandha tiġi sostitwita bi “15 ta' Ottubru 2031”;
 - (b) il-paragrafu 8 għandu jiġi emendat kif ġej:
 - (i) fl-ewwel subparagrafu, “2019” għandha tiġi sostitwita b’“2020”;
 - (ii) fl-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu, “2020” għandha tiġi sostitwita b’“2021”;

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/76/KE tal-1 ta' Frar 2003 li tistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni tal-Protokoll, anness mat-Trattat li tistabbilixxi l-Komunità, fuq il-konsegwenzi finanzjarji tad-data tal-għeluq tat-Trattat tal-KEFA u fuq il-Fond tar-Riċerka tal-Faħam u l-Azzar (ĠU L 29, 5.2.2003, p. 22).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/77/KE tal-1 ta' Frar 2003 li tistabbilixxi linji gwida finanzjarji multiannwali għall-amministrazzjoni ta' l-assi tal-KEFA f'likwidazzjoni u, mat-twettiq tal-likwidazzjoni, l-Assi tal-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar (ĠU L 29, 5.2.2003, p. 25).

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/376/KE tad-29 ta' April 2008 dwar l-adozzjoni tal-Programm ta' Riċerka tal-Fond Ewropew għar-Riċerka dwar il-Faħam u l-Azzar u dwar il-linji gwida tekniċi pluriennali għal dan il-programm (ĠU L 130, 20.5.2008, p. 7).

(7) Fl-Anness 2 għall-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, għandhom jiddaħħlu n-noti li ġejjin:

- (a) Taħt "4. Aspetti ġenerali relatati mal-kummerċ", wara l-entrata għar-"Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008":

"Mingħajr preġudizzju għall-fatt li l-preferenzi tariffarji għal pajjiżi eliġibbli skont is-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi tal-Unjoni għandhom ikunu applikabbli fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq:

- ir-referenzi għal 'Stat Membru' fil-punt (ii) tal-punt (c) tal-Artikolu 9(1), u fil-Kapitolu VI [Dispożizzjonijiet ta' Salvagwardja u Sorveljanza] tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 ma għandhomx jinqraw bħala li jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq;
- ir-referenzi għas- 'suq tal-Unjoni' fl-Artikolu 2(k) u l-Kapitolu VI [Dispożizzjonijiet ta' Salvagwardja u Sorveljanza] fir-Regolament (UE) Nru 978/2012 ma għandhomx jinqraw li jinkludu s-suq tar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq; u
- ir-referenzi għal 'produtturi tal-Unjoni' u għal 'industrija tal-Unjoni' fir-Regolament (UE) Nru 978/2012 ma għandhomx jinqraw li jinkludu l-produtturi jew l-industrija tar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq;"

- (b) Taħt "5. Strumenti għad-difiża tal-kummerċ" taħt it-titolu tat-taqsimi:

"Mingħajr preġudizzju għall-fatt li l-miżuri ta' difiża tal-kummerċ tal-Unjoni għandhom ikunu applikabbli fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, ir-referenzi għal 'Stati Membri' jew 'l-Unjoni' fir-Regolament (UE) 2016/1036, fir-Regolament (UE) 2016/1037, fir-Regolament (UE) 2015/478 u fir-Regolament (UE) 2015/755 ma għandhomx jinqraw li jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Barra minn hekk, l-importaturi li jkunu ħallsu dazji anti-dumping jew kumpensatorji wara l-importazzjoni ta' merkanzija li ġiet żdoganata fl-Irlanda ta' Fuq jistgħu biss jitolbu rimborż ta' tali dazji bis-saħħa tal-Artikolu 11(8) tar-Regolament (UE) 2016/1036 jew l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2016/1037, rispettivament.";

- (c) Taħt "6. Regolamenti dwar salvagwardji bilaterali" taħt it-titolu tat-taqsimi:

"Mingħajr preġudizzju għall-fatt li l-miżuri ta' salvagwardja bilaterali tal-Unjoni japplikaw fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, ir-referenzi għal 'Stati Membri' jew 'l-Unjoni' fir-regolamenti elenkati hawn taħt ma għandhomx jinqraw li jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq;"

(8) Fl-Anness 2 għall-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, għandhom jinżiedu l-atti li ġejjin:

- Taħt "6. Regolamenti dwar salvagwardji bilaterali": Ir-Regolament (UE) 2019/287 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Frar 2019 li jimplimenta klawżoli ta' salvagwardja bilaterali u mekkaniżmi oħra li jippermettu l-irtirar temporanju ta' preferenzi f'ċerti ftehimiet kummerċjali konklużi bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi ⁽⁶⁾;
- Taħt "23. Kimiċi u relata": Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 li jistabbilixxi regoli għall-monitoraġġ ta' kummerċ fil-prekursuri ta' drogi bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi ⁽⁷⁾;
- Taħt "25. Skart": Id-Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent ⁽⁸⁾;
- Taħt "29. Ikel — ġenerali": Id-Direttiva 2011/91/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-indikazzjonijiet jew il-marki li jidentifikaw il-lott li għalih jappartjeni oġġett tal-ikel ⁽⁹⁾;
- Taħt "42. Materjal riproduttiv tal-pjanti": Id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti tal-ġalf ⁽¹⁰⁾; id-Direttiva tal-Kunsill 98/56/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-marketing tal-materjali tal-propagazzjoni tal-pjanti ornamental ⁽¹¹⁾; u d-Direttiva tal-Kunsill 2008/72/KE tal-15 ta' Lulju 2008 dwar it-tqegħid fis-suq ta' ħxejjex ta' propagazzjoni u materjal taż-żriġħ, barra ż-żerriegħa ⁽¹²⁾;
- Taħt "47. Oħrajn": Ir-Regolament (UE) 2019/880 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-introduzzjoni u l-importazzjoni ta' beni kulturali ⁽¹³⁾.

⁽⁶⁾ ĠUL 53, 22.2.2019, p. 1.

⁽⁷⁾ ĠUL 22, 26.1.2005, p. 1.

⁽⁸⁾ ĠUL 155, 12.6.2019, p. 1.

⁽⁹⁾ ĠUL 334, 16.12.2011, p. 1.

⁽¹⁰⁾ ĠU 125, 11.7.1966, p. 2298.

⁽¹¹⁾ ĠUL 226, 13.8.1998, p. 16.

⁽¹²⁾ ĠUL 205, 1.8.2008, p. 28.

⁽¹³⁾ ĠUL 151, 7.6.2019, p. 1.

(9) Fil-Parti I tal-Anness I għall-Ftehim dwar il-Ħruġ, għandhom jinżiedu l-atti li ġejjin:

- Taħt “Skambju Elettroniku tad-Data (serje E)”: Id-Deċiżjoni Nru E7 tas-27 ta’ Ġunju 2019 tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali li tikkonċerna l-arranġamenti prattiċi għall-koperazzjoni u l-iskambju tad-data sakemm l-iskambju Elettroniku ta’ Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali (EESSI) jiġi implimentat bis-sħiħ fl-Istati Membri ⁽¹⁴⁾;
- Taħt “Benefiċċji tal-familja (serje F)”: Id-Deċiżjoni Nru F3 tad-19 ta’ Diċembru 2018 tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 68 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 b’rabta mal-metodu tal-kalkolu tas-suppliment li jagħmel tajjeb għad-differenza ⁽¹⁵⁾.

Artikolu 2

Kwalunkwe deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt li temenda l-Ftehim dwar il-Ħruġ skont il-paragrafu 1 għandha tiġi ppubblikata f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta’ Ġunju 2020.

Għall-Kunsill

Il-President

A. METELKO-ZGOMBIĆ

⁽¹⁴⁾ ĠU C 73, 6.3.2020, p. 5.

⁽¹⁵⁾ ĠU C 215, 26.6.2019, p. 2.